Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2007

Numru 788/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Alfred Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Alfred Spiteri ta' 43 sena, bin George u Phylis nee' Galea, imwieled Floriana, nhar 11/03/63, residenti fil-fond numru Sempre Viva, 143, Triq San Gilormu, Bugibba, detentur tal-karta ta' l-Identita numru 178063M gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-15 ta' Gunju 2006, gewwa triq il-Qalb ta'


Qrati tal-Gustizzja

Gesu’, Bugibba, ghal habta ta l-erbgha nieqes kwart ta’ filghodu (0345):

a) volontarjament gharraq il-hwejjeg tal-imsemmi Gary Mercieca, liema hsara hija ta’ aktar minn hamsin Lira (Lm50.00), izda anqas min elf lira (Lm1,000.0)
b) U aktar talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanza, ikkagunna griehi ta’ natura hafifa lil Gary Mercieca, liema feriti huma aggarvati meta l’offiz saret fuq persuna li tbati minn marda tal-gisem fi grad li minhabba fiha ma kienx jista’ jiddefendi ruhu sew bi ksur tal-artikolu 221 u 222A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. JM1 u nnutat li l-imputat Alfred Spiteri m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi a) u b) migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi a) u b) migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li minn verifiki li ghamel jirrizulta li l-fedina penali tal-imputat hi wahda netta u inoltre iddikjara li l-imputat ikkopera  bis-shih mal-Pulizija.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr. Geraldine Spiteri ghall-parte civile iddikjarat li llum l-imputat hallas lill-parte civile is-somma ta’ Lm140 rappresentanti l-hsara volontarja sofferta mill-parte civile da parti tal-imputat u dana fid-dawl tal-akkuza a) migjuba kontra l-imputat u dana a saldu tal-pretensjonijiet tal-parte civile.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 325(b), 221 u 222A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Alfred Spiteri, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi a) u b) migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li minn verifiki li ghamel jirrizulta li l-fedina penali tal-imputat hi wahda netta u inoltre iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u dak dikjarat minn Dr. Geraldine Spiteri ghall-parte civile fil-Verbal tas-Seduta tallum u riportat aktar qabel f'din is-sentenza, tillibera lill-istess imputat Alfred Spiteri taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Alfred Spiteri b'obbligazzjoni personali ta' mitt Liri Maltin (Lm100) li jzomm il-kwiet ma' Gary Mercieca ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Alfred Spiteri l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------